# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2401

Każ Nru 3291/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Charlo Briffa

u

Styles Apertures Limited

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 15 ta' Lulju 2015

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' Rikors magħmul mill-Avv Maria Azzopardi fl-10 ta' Settembru 2014 f'isem Charlo Briffa fejn ġie allegat li dan kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà Styles Apertures Limited fil-21 ta' Mejju 2014. Is-Soċjetà Intimata, li kienet rappreżentata minn Johnatan Aquilina, assistit mill-Avukati Adrian Camilleri u Stanley Portelli ċaħdet dan. Inżammu tmien seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti u differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Att.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent jgħid li kien ingħata liċenzjament permezz ta' telefonata fl-10 ta' Mejju 2014 mingħajr ma ingħata raġuni. Anzi qalulu li ma kienx hemm xogħol iktar għalih. Sussegwentement sar jaf li fit-*Termination Form* ir-raġuni tal-liċenzjament kienet tniżżlet bħala dixxiplina u għaldaqstant lanqas ma ingħata ħlas ta' *notice*. Jgħid li dejjem qeda dmiru bl-aħjar mod possibbli u qatt ma kellu problemi. Is-Soċjetà Intimata tgħid li r-Rikorrent matul il-ħajja lavorattiva tiegħu kien ingħata diversi twissijiet verbalment u bil-miktub in konessjoni ma' insubordinazzjoni, nuqqasijiet fix-xogħol, atteġġjament negattiv u skartar mix-xogħol. Tgħid li fil-21 ta' Mejju 2014 meta kien f'post tas-Sliema flimkien ma' ħaddiem ieħor ċempel li-superjuri tiegħu biex jilmenta li x-xogħol kien jeħtieġ li jkun hemm ħaddiem ieħor biex ikun jista jsir. Id-Direttur Johnatan Aquilina mar fuq il-post biex jara b'għajnejh u hemmhekk spjegalu li x-xogħol sata' jsir minn żewġ ħaddiema mingħajr il-bżonn ta' ieħor. Ir-Rikorrent, tgħid is-Soċjetà Intimata, għolla leħnu, beda jagħajjat u kien aggressiv. Kien dan l-inċident li wassal għal-liċenżjament tar-Rikorrent.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Tkeċċija mill-impieg hija l-piena massima li *employer* jista jagħti u għaldaqstant irid ikun hemm raġunijiet serji u biżżejjed biex il-ħaddiem ikun jimmerita dan il-kastig. Il-liġi stess fejn nirriferu għal *giusta causa* tirrikjedi li "jkun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat" (Art. 36(1) tal-Kap 452). Dan ifisser illi liċenzjament mix-xogħol irid jgħaddi minn żewġ testijiet: it-test tal-gravità u test tas-suffiċjenza. It-Tribunal Industrijali jrid ikun konvint li r-raġuni mogħtija għal liċenzjament tkun tissodisfa dawn iż-żewġ testijiet. Fil-każ in eżami joħroġ ċar li r-raġuni prinċipali għat-tkeċċija tar-Rikorrent kienet dak li ġara fil-21 ta' Mejju 2014 meta kien qed jaħdem flimkien ma' impjegat ieħor tas-Sliema. L-inċident beda' meta ir-Rikorrent ċempel lill-Prinċipal tiegħu biex jitolbu li jibgħat ħaddiem ieħor biex jgħinhom fuq ix-xogħol ta' taraġ tal-ħadid. Imbaghad l-inċident kompla meta kein hemm konfront frontali bejn il-Prinċipal u l-ħaddiem bir-riżultat li l-ħaddiem ikntbagħat id-dar. Jidher li kien hemm konfront bil-kliem iżda bl-ebda mod ma intqal jew ġie pruvat li kien hemm aggressjoni da parti tar-Rikorrent. Huwa veru li jidher li d-*decibel level* għola xi ftit. Ir-reazzjoni tal-Prinċipal setgħet kienet ġustifikata minħabba l-fatt li ftit kien sar xogħol dakinhar minħabba li r-Rikorrent kien qed jitlob l-għajnuna ta' ħaddiem ieħor li l-Prinċipal deherlu li din ma kienitx ġustifikata. Iżda d-deċiżjoni mgħaġġla u l-liċenżjament sommarju ma kienx ġustifikat. Is-Soċjetà Intimata semmiet twissijiet preċedenti iżda dawn ma kienux pruvati għaliex kif dejjem tenna dan it-Tribunal twissija, bil-fomm u preferibilment bil-miktub, trid tkun waħda li tindika b'mod ċar li ripetizzjoni tal-inċident jista jirriżulta f'passi iktar serji. Dana ma irriżultax mill-provi.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-liċenzjament tar-Rikorrent ma kienetx għal raġuni tajba u ċertament mhux suffiċjenti kif titlob il-liġi.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Charlo Briffa minn mas-Soċjetà Intimata Styles Apertures Limited ma kienitx għal raġuni tajba u biżżehjjed.

**5. Kumpens**

It-Tribunal jilliwida l-kumpens dovut lil Charlo Briffa minn Styles Apertures Limited fl-ammonta ta' €700 li jridu jitħallsu fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

**6. Drittijiet**

A tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillkwida d-drittijiet għal dawk li assistew lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-każ.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja